**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daryl Borg)**

**vs.**

**Christopher Scerri**

Numru: 30/2015

Illum 14 ta' Mejju 2019

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat **Christopher Scerri**, iben Ronald u Grace neé Micallef, imwieled Pietà nhar il-11 ta' Settembru 1978 u residenti gewwa St. Maria, Flat 2, Triq Hal Mula, Zebbug u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 419778(M)

akkuzat talli nhar it-22 ta' Lulju 2014 fil-hinijiet ta' filghodu waqt li kien qieghed quddiem il-Magistrat Dr. J. Demicoli LL.D. f'Awla Numru 1, gewwa l-Qrati ta' Malta, il-Belt Valletta:

1. ingurja, jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' l-iSpettur Keith Arnaud, persuna nkarigata skont il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qieghed jaghmel jew minhabba li kien qieghed jaghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur tal-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li, f'kaz ta' htija, tqis lill-imputat bhala li sar recidiv *ai termini* ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati f'sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigi mibdula.

Il-Qorti gie mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna ta' l-iSpettur Keith Arnaud bil-kundizzjonijiet li jidhrilha xieraq u dan *ai termini* tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta *et sequitur*.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 13).

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mill-Prim'Imhallef Emeritus Silvio Camilleri (*a fol.* 20 *et seq.*).

Semghet il-provi kollha mressqa mill-Prosekuzzjoni.

Semghet, fis-seduta tat-28 ta' Frar 2019 (*a fol.* 62), lill-imputat jiddikjara li kien ser jaghzel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri, f'liema seduta d-difiza ddikjarat li ma kellhiex provi xi tressaq f'dan il-kaz.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li kienet qed tirtira t-talba taghha kif kontenuta fic-*charge sheet* sabiex l-imputat jigi kkunsidrat li huwa recidiv *ai termini* ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien ragonevoli jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghar-reat addebitat lilu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Mejju 2016, xehed l-**Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Daryl Borg** (*a fol.* 30 *et seq.*) fejn spjega li fit-23 ta' Lulju 2014 l-iSpettur Keith Arnaud mar jirraporta fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Belt Valletta li l-gurnata ta' qabel waqt li kien qed jixhed f'Awla Numru 1 gewwa l-Qorti, liema Awla kienet preseduta mill-Magistrat Dr. Josette Demicoli, sema lill-imputat jghajjru l-kelma *"kurnut"*. Jispjega li l-iSpettur hassu offiz b'din il-kelma u stqarr li kien hemm diversi xhieda ohra li semghu lill-imputat jghid din il-kelma fil-konfront tal-istess Spettur Arnaud. Jixhed li l-iSpettur Arnaud xtaqt li jittiehdu passi fil-konfront tal-imputat fejn meta hu (l-iSpettur Borg) baghat ghall-imputat, l-imputat irrilaxxa l-istqarrija li tinsab *a fol.* 9 *et seq.*.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li l-imputat kien ghazel li ma jikkonsultax ruhu ma' avukat meta gie moghti dan id-dritt pero' jghid li ma kienx iffirma dikjarazzjoni f'dan is-sens.

Illi, fis-seduta tat-8 ta' Marzu 2017, xehed l-i**Spettur Keith Arnaud** (*a fol.* 36 *et seq.*) fejn spjega li fit-22 ta' Lulju 2014 kienet qed issir

kumpilazzjoni li kienet qeghda tinstema' quddiem il-Magistrat Dr. Josette Demicoli fil-Qorti. Jghid li dakinhar inzerta li ma kienx hemm aktar kawzi u li bhala Prosekutur, fuq in-naha tal-Prosekuzzjoni, kien hemm hu biss. Jghid li fuq in-naha tad-difiza kien hemm l-avukati difensuri taz-zewg imputati tal-kawza li kienet qed tinstema'. Jispjega li fil-hin li kien qed jixhed certu Justin Fenech, kien hemm xi affarijiet li kien ghadu ma qalhomx u b'hekk hu (l-iSpettur Arnaud) beda jaghmillu d-domandi sabiex l-imsemmi Fenech ikun jista' jaghti r-risposti tieghu. Jixhed: *"ovvjament kelli xi informazzjoni x'jghid li minn naha taghna konna nahsbu li hija fil-konfront tal-imputati"* (*a fol.* 36). Jghid li f'mument minnhom l-imputat tal-kawza odjerna, li kien ukoll wiehed mill-imputati fil-kawza msemmija, ghadda kumment lejh (lejn l-iSpettur Arnaud) u qallu: *"kurnut"* (*a fol.* 36). Jghid li hu (l-iSpettur Arnaud) hares lejh mal-ewwel u sab lill-imputat ihares lejh. Jixhed li dak il-hin gibed l-attenzjoni tal-Qorti u li l-Qorti siktet lill-imputat u s-seduta kompliet. Jghid li l-imsemmi kumment gie ripetut l-ghada fil-gazzetti.

Illi, fis-seduta tat-8 ta' Marzu 2017, xehed ukoll **PS 1098 Anthony Scerri** (*a fol.* 39 *et seq.*) fejn spjega li fit-23 ta' Lulju 2014 ipprezenta ruhu fl-Ghassa tal-Belt Valletta l-iSpettur Keith Arnaud fejn ghamel rapport. Spjega fiex kien jikkonsisti r-rapport li sar mill-iSpettur Keith Arnaud. Ezebixxa l-okkorrenza redatta minnu li giet immarkata bhala Dok. "AS 1" (*a fol.* 41 *et seq.*). Jghid li hu fl-ebda hin ma kellem lill-imputat.

Illi, fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2017, xehed **Raymond Abdilla** (*a fol.* 46 *et seq.*) fejn spjega li lejn l-ahhar ta' Lulju 2014 kien jahdem bhala gurnalist mal-Medialink u kien qed jirraporta kaz tal-imputat li kien qed jinstema f'Awla Numru 1 quddiem il-Magistrat Dr. Josette Demicoli. Jghid li fl-Awla kien hemm hafna nies u li, flimkien ma' gurnalisti ohra, kien wara bil-wieqfa fejn f'hin minnhom instemghet il-kelma *"kurnut"*. Mistoqsi jghid jekk jafx minn qal din il-kelma, wiegeb li min qalha zgur li kellu wiccu lejn il-Magistrat. Jghid: *"Ma nafx ha niftehmu, ma nistax nghid b'certezza min qalu pero' naf li gie minn x'imkien fejn normalment fejn ikun hemm [sentenza ma tkompliex]"* (*a fol.* 46). Mistoqsi jghid jekk jafx lil min

kienet diretta l-kelma li nstemghet, wiegeb: *"Ha niftehmu, meta nghatat il-kelma, l-iSpettur Arnaud mill-ewwel qisu hassa li ghalih pero' kif ghidtlek, jien kont wara l-vision tieghi ma setghetx tkun ezatt. Smajt il-kelma, smajt l-iSpettur Arnaud mal-ewwel ma hax pjacir. Ovvjament jekk wiehed jaghmel il-kalkoli, jghid: "Iva, lejh" pero' l-kelma smajtha zgur, daqshekk nista' nghid"* (*a fol.* 47).

In <u>kontro-ezami</u> jghid li jidhirlu li fil-kawza li kienet qed tinstema' meta sema' l-kelma li qal kien hemm aktar minn imputat wiehed. Jghid li hdejn l-imputat kien hemm xi hadd iehor u li minn fejn kien ma setghax jara wicc l-imputati pero' setgha jara daharhom.

Illi, fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2017, xehed ukoll **Daniel Mizzi** (*a fol.* 49 *et seq.*) fejn spjega li fit-22/23 ta' Lulju 2014 kien gurnalist tal-Maltatoday u li l-gurnata kienet dik tat-Tlieta. Jghid li flimkien ma' gurnalisti ohra, fosthom Ray Abdilla, kien jinsab fl-Awla preseduta mill-Magistrat Dr. Josette Demicoli waqt li kienet tinstema' kumpilazzjoni fil-konfront tal-imputat tal-kawza odjerna u persuna ohra. Jghid li Abdilla u hu kienu bil-wieqfa wara l-imputat u f'hin minnhom instemghet il-kelma *"kurnut"* tinghad fil-konfront tal-iSpettur Keith Arnaud. Mistoqsi jghid jekk jafx min qal din il-kelma, wiegeb fin-negattiv u jzid jghid li kienu bil-wieqfa wara l-imputati. Jghid: *"Smajna l-kelma tinghad imma pero' ma nafx min qalha ezatt ghax ovvjament fizikament jien kont warajh, ma rajtux il-persuna, ma rajtux min kien imma naf li giet minnhom ghax ovvjament fil-vicinanzi tieghi kienet"* (*a fol.* 50).

In <u>kontro-ezami</u> kkonferma li hu kien bil-wieqfa mal-bieb u li fl-Awla kien hemm in-nies.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u din ghalhekk hija sodisfacentement pruvata.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reat addebitat fil-konfront tal-

imputat, l-ammissjoni tieghu, il-fedina penali tal-imputat (*a fol.* 3 *et seq.*) u kif ukoll il-fatt li l-imputat talab apologija ghal dak li ghamel.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti,

filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-Prosekuzzjoni kif kontenuta fic-*charge sheet* sabiex l-imputat jigi kkunsidrat li huwa recidiv *ai termini* ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dana *stante* li din it-talba giet irtirata mill-Prosekuzzjoni,

wara li rat Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat Christopher Scerri hati tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah multa ta' tmien mitt Euro (€800.00).

Finalment, il-Qorti wara li rat Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-hati Christopher Scerri b'garanzija personali ta' elfejn Euro (€2000.00) ghal zmien sena millum fil-konfront tal-iSpettur Keith Arnaud.

---

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

---

**Ms. Alexia Attard**
**Deputat Registratur**